REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/292

tas-26 ta' Frar 2018

li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-proċeduri u l-forom għall-iskambju ta' informazzjoni u assistenza bejn awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ([1]), u partikolarment l-Artikolu 25(9) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet maħtura bħala awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 ikunu jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw l-informazzjoni b'mod effiċjenti u f'waqtu u jipprovdu lil xulxin assistenza reċiproka sħiħa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri u formoli komuni li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti għall-iskambju ta' informazzjoni u assistenza, inkluż għall-preżentazzjoni ta' talbiet għal assistenza, konfermi ta' rċevuti u t-tweġibiet għal dawn it-talbiet.

(2) Huwa mistenni li l-iskambju ta' informazzjoni bil-miktub jassisti awtorità kompetenti fil-qadi tad-dmirijiet tagħha. Tista' ssir komunikazzjoni bil-fomm, fejn xieraq, inkluż qabel ma tintbagħat talba bil-miktub, biex tkun ipprovduta informazzjoni dwar it-talba għal assistenza li ġejja u biex ikunu diskussi kwalunkwe kwistjonijiet li jistgħu jfixklu l-provvediment tal-assistenza. F'każijiet urġenti, jenħtieġ li ikun ukoll permess li talba għal assistenza tkun ikkomunikata oralment, fejn l-urġenza ma tkunx minħabba azzjoni tardiva mill-parti li tagħmel it-talba.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni u jagħtu assistenza. Madankollu, jenħtieġ li t-talbiet għal assistenza, sa fejn possibbli, ikunu jinkludu wkoll teħid ta' dikjarazzjoni jew twettiq ta' spezzjonijiet fuq il-post jew investigazzjoni, iżda biss f'każijiet li fihom talba sempliċi għal skambju ta' informazzjoni ma tkunx biżżejjed. Qabel il-preżentazzjoni ta' talba għall-assistenza lil awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti hija mistennija li tkun wettqet l-azzjonijiet kollha raġonevolment prattikabbli fil-ġuriżdizzjoni tagħha stess, għalkemm wieħed jinnota li jista' ma jkunx raġonevolment fattibbli għal din l-awtorità li teżawrixxi l-metodi kollha ta' inkjesta qabel it-talba.

(4) Għajnuna mhux mitluba jenħtieġ li tkun provduta f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 596/2014, anki fuq bażi volontarja meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru tikkunsidra li l-informazzjoni fil-pussess tagħha tista' tkun ta' użu għal awtorità kompetenti oħra.

(5) Talba għal assistenza skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 jenħtieġ li tipprovdi informazzjoni suffiċjenti dwar is-suġġett tat-talba, inkluża r-raġuni għat-talba u l-kuntest tagħha, sabiex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tipproċessa t-talba b'mod effiċjenti u espedjenti. Li wieħed jindika l-fatti li jagħtu lok għas-suspett ma għandhiex titqies bħala prekondizzjoni biex l-awtorità rikjedenti tirċievi assistenza fejn l-informazzjoni mitluba hija neċessarja biex l-awtorità twettaq l-obbligi tagħha.

(6) Lil hinn mill-użu ta' formoli ta' rikjesta u ta' tweġiba għal talba għal assistenza, il-proċeduri għall-kooperazzjoni jenħtieġ li jippermettu u jiffaċilitaw il-komunikazzjoni, il-konsultazzjoni u l-interazzjoni bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba matul il-proċess kollu, biex jiġi żgurat ipproċessar effiċjenti ta' talba għal informazzjoni jew assistenza. Huwa mistenni li dawn il-proċeduri jippermettu wkoll lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu feedback lil xulxin dwar l-utilità tal-informazzjoni jew għajnuna oħra rċevuta, dwar l-eżitu tal-każ li fih l-għajnuna ġiet mitluba u kwalunkwe problema li tinqala' fl-għoti ta' tali għajnuna jew informazzjoni.

(7) Jenħtieġ li l-proċeduri u l-formoli għall-iskambju tal-informazzjoni u tal-assistenza jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni skambjata jew mibgħuta u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta.

(8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni abbozzati ppreżentati mill-ESMA lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.

(9) L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l–istandards tekniċi ta' implementazzjoni abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, u lanqas ma analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati mal-introduzzjoni ta' proċeduri u formoli biex jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, peress li dan kien ikun sproporzjonat fir-rigward tal-iskop u tal-impatt ta' dawn l-istandards, meta wieħed iqis li d-destinatarji tagħhom se jkunu biss l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri u mhux il-parteċipanti fis-suq.

(10) L-ESMA talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(11) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji u meta wieħed jikkunsidra li r-Regolament (UE) Nru 596/2014 diġà qiegħed ikun applikat, huwa meħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ u jibda japplika minnufih;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "mezzi elettroniċi siguri" huma mezzi ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali), il-ħażna u t-trażmissjoni ta' dejta, li jkunu jużaw wajers, radju, teknoloġiji ottiċi, jew kull mezz elettromanjetiku ieħor li jiżguraw li l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni jinżammu matul it-trażmissjoni.

Artikolu 2

Il-punti ta' kuntatt

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħtru punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw id-dettalji tal-punti ta' kuntatt lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Huma għandhom jipprovdu informazzjoni aġġornata lill-ESMA kif meħtieġ.

3. L-ESMA għandha żżomm lista tal-punti ta' kuntatt dežinjati mill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 1 u taġġorna din il-lista kif ikun meħtieġ għall-użu tal-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 3

Talba għal assistenza

1. Awtorità rikjedenti għandha tagħmel talba għal assistenza bil-miktub bil-posta, bil-faks jew b'mezz elettroniku sigur. Hija għandha tindirizza t-talba lill-punt ta' kuntatt maħtur mill-awtorità li ssirilha t-talba skont l-Artikolu 2.

2. Meta ssir talba għal assistenza, l-awtorità kompetenti għandha tuża l-formola li tinsab fl-Anness I u għandha:

(a) tispeċifika dettalji tal-informazzjoni rilevanti li l-awtorità rikjedenti tkun qed titlob mill-awtorità li ssirilha t-talba;

(b) tidentifika, fejn xieraq, kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tista' tinkiseb.

3. L-awtorità rikjedenti tista' tehmeż mat-talba kwalunkwe dokument jew materjal ta' appoġġ li tqis meħtieġ biex issostni t-talba.

4. F'każijiet urġenti, l-awtorità rikjedenti tista' tagħmel talba għal għajnuna verbalment. Sakemm l-awtorità li ssirilha t-talba ma taqbilx mod ieħor, dik it-talba bil-fomm għandha sussegwentement tiġi kkonfermata bil-miktub mingħajr dewmien żejjed billi jintużaw il-mezzi msemmija fil-paragrafu 1.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

Artikolu 4

Konferma tar-riċevuta

Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta tasal talba bil-miktub għal assistenza, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tibgħat konferma tar-riċevuta bil-posta, bil-faks jew b'mezz elettroniċi siguri lill-punt ta' kuntatt magħżul skont l-Artikolu 2, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-talba. Din il-konferma tar-rċevuta għandha ssir billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness II u, fejn ikun possibbli, għandha tinkludi l-indikazzjoni tad-data mistennija tat-tweġiba.

Artikolu 5

Tweġiba għal talba għal assistenza

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb għal talba għal assistenza bil-miktub bil-posta, bil-faks jew b'mezz elettroniċi siguri. It-tweġiba għandha tiġi indirizzata lill-punt ta' kuntatt maħtur skont l-Artikolu 2, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fit-talba.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb għat-talba għal assistenza, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness III u għandha:

(a) titlob kjarifiki ulterjuri fi kwalunkwe forma malajr kemm jista' jkun, f'każ ta' dubji fir-rigward tal-kontenut tal-kooperazzjoni preċiża mitluba;

(b) tieħu l-passi raġonevoli kollha fl-ambitu tas-setgħat tagħha li tipprovdi l-assistenza mitluba;

(c) teżegwixxi t-talbiet għal assistenza mingħajr dewmien b'mod li jiżgura li kwalunkwe azzjoni regolatorja neċessarja tipproċedi mingħajr dewmien, waqt li tqis il-kumplessità tat-talba u l-ħtieġa li jiġu involuti partijiet terzi jew xi awtorità kompetenti oħra.

3. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta li taġixxi, b'mod sħiħ jew parzjalment, fuq talba għal assistenza, hija għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti mill-aktar fis possibbli bid-deċiżjoni tagħha, verbalment jew bil-miktub. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi wkoll tweġiba bil-miktub magħmula skont il-paragrafu 1 li tindika abbażi ta' liema waħda mill-eċċezzjonijiet taħt l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 qed tagħmel ir-rifjut tagħha.

Artikolu 6

Proċeduri biex tintbagħat u tkun proċessata talba għal assistenza

1. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkomunikaw dwar it-talba għal assistenza u t-tweġiba għaliha bl-aktar mezz espedjenti possibbli, waqt li jqisu b'mod dovut il-konsiderazzjonijiet tal-kunfidenzjalità, tat-tul ta' ħin tal-korrispondenza, tal-volum tal-materjal li se jiġi kkomunikat u tal-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni mill-awtorità rikjedenti. B'mod partikolari, l-awtorità rikjedenti għandha twieġeb fil-pront għal kwalunkwe kjarifika mitluba mill-awtorità li ssirilha t-talba.

2. Meta l-awtorità li ssirilha t-talba ssir konxja minn ċirkustanzi li jistgħu jwasslu għal dewmien fid-data stmata għat-tweġiba ta' aktar minn 10 ijiem lavorattivi, din għandha tinnotifika lill-awtorità rikjedenti mingħajr dewmien żejjed.

3. Fejn xieraq, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi feedback regolari dwar il-progress tat-talba pendenti, inklużi stimi riveduti tad-data fil-mira għat-tweġiba lill-awtorità rikjedenti.

4. Meta l-awtorità rikjedenti tikkwalifika r-rikjesta bħala urġenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-frekwenza li biha l-awtorità li ssirilha t-talba se taġġorna lill-awtorità rikjedenti.

5. L-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom jikkooperaw biex isolvu kwalunkwe diffikultà li tista' tinħoloq fl-eżekuzzjoni ta' talba.

Artikolu 7

Proċedura għal talbiet biex tittieħed dikjarazzjoni mingħand persuna

1. Jekk fit-talba tagħha l-awtorità rikjedenti tinkludi dikjarazzjoni meħuda minn xi persuna fil-kuntest ta' investigazzjoni jew spezzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom, soġġett għal-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet legali eżistenti u kwalunkwe differenza fir-rekwiżiti proċedurali, jivvalutaw u jikkunsidraw dan li ġej:

(a) id-drittijiet tal-persuni li mingħandhom ikunu se jittieħdu d-dikjarazzjonijiet, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe kwistjonijiet ta' awtoinkriminazzjoni;

(b) in-natura tal-parteċipazzjoni tal-persunal tal-awtorità rikjedenti (osservaturi jew parteċipanti attivi);

(c) ir-rwol tal-persunal tal-awtorità li ssirilha t-talba u tal-awtorità rikjedenti fit-teħid tad-dikjarazzjoni;

(d) jekk il-persuna li mingħandha trid tittieħed d-dikjarazzjoni għandhiex id-dritt li tkun assistita minn rappreżentant legali, u jekk iva, l-ambitu tal-assistenza mir-rappreżentant matul it-teħid tad-dikjarazzjoni, inkluż fir-rigward ta' kwalunkwe rekord jew rapport tad-dikjarazzjoni;

(e) jekk id-dikjarazzjoni tkunx se tittieħed fuq bażi volontarja jew imġiegħla, jekk din id-distinzjoni tkun teżisti;

(f) jekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli meta ssir it-talba, il-persuna li mingħandha trid tittieħed id-dikjarazzjoni tkunx xhud jew persuna suspettata fejn teżisti tali distinzjoni;

(g) jekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien tat-talba, id-dikjarazzjoni tkunx tista' jew hijiex maħsuba biex tintuża fi proċedimenti kriminali;

(h) l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjoni fil-ġuriżdizzjoni tal-awtorità rikjedenti;

(i) ir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjoni u tal-proċeduri applikabbli, inkluż jekk hux ser ikunu kontemporanji jew minuti sommarji miktubin jew reġistrazzjoni ta' smigħ jew awdjoviżiva;

(j) il-proċeduri dwar iċ-ċertifikazzjoni jew il-konferma tad-dikjarazzjoni mill-persuni li jagħmlu d-dikjarazzjoni, anke jekk dan iseħħ wara li d-dikjarazzjoni tkun ittieħdet; kif ukoll

(k) il-proċedura għat-trażmissjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtorità li ssirilha t-talba lill-awtorità rikjedenti, inkluż il-format u l-iskeda.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ arranġamenti biex il-persunal tagħhom jipproċedi b'mod effiċjenti, inklużi arranġamenti li jippermettu lill-persunal tagħhom jiftiehem dwar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa, inklużi dan li ġej:

(a) l-ippjanar ta' dati;

(b) il-lista ta' mistoqsijiet li għandhom isiru lill-persuna li mingħandha trid tittieħed id-dikjarazzjoni;

(c) l-arranġamenti tal-ivvjaġġar, inkluż l-iżgurar li l-awtorità li ssirilha t-talba u l-awtorità rikjedenti jkunu jistgħu jiltaqgħu biex jiddiskutu l-kwistjoni qabel ma tittieħed id-dikjarazzjoni; kif ukoll

(d) arranġamenti lingwistiċi.

Artikolu 8

Proċedura għal talbiet għal investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post

1. Meta ssir talba biex titwettaq investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkonsultaw ma' xulxin dwar l-aħjar mod kif jista' jingħata effett utli għat-talba għal assistenza, waqt li jikkunsidraw il-punti minn (a) sa (e) tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, inkluż dwar il-merti li titwettaq investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha żżomm l-awtorità rikjedenti infurmata dwar il-progress tal-investigazzjoni jew l-ispezzjoni fuq il-post u tittrażmetti s-sejbiet tagħha lill-awtorità rikjedenti fi żmien xieraq.

3. Meta tkun qed tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni konġunta jew spezzjoni fuq il-post konġunta, l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkunsidraw tal-inqas dan li ġej:

(a) il-kontenut ta' kwalunkwe talba għal assistenza rċevuta mingħand l-awtorità rikjedenti, inkluż kwalunkwe suġġeriment dwar l-adegwatezza li titwettaq investigazzjoni konġunta jew spezzjoni fuq il-post konġunta;

(b) jekk humiex it-tnejn li huma qed iwettqu inkjesti separati dwar kwistjoni b'implikazzjonijiet transfruntieri u jekk din il-kwistjoni tkunx aktar xierqa għall-kollaborazzjoni konġunta;

(c) il-qafas ġuridiku u regolatorju f'kull waħda mill-ġurisdizzjonijiet tagħhom sabiex jiġi żgurat li ż-żewġ awtoritajiet għandhom fehim tajjeb tal-limitazzjonijiet potenzjali u l-limitazzjonijiet ġuridiċi tat-twettiq ta' kwalunkwe investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post u dwar kwalunkwe proċedimenti li jistgħu jsegwu, inkluż kwalunkwe kwistjoni relatata mal-prinċipju ta' *ne bis idem*;

(d) l-immaniġġjar u d-direzzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni jew l-ispezzjoni fuq il-post;

(e) il-prospetti li x'aktarx se jaqblu dwar il-konstatazzjoni tal-fatti;

(f) l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-ħatra tal-persunal inkarigat biex iwettaq investigazzjonijiet jew spezzjonijiet fuq il-post;

(g) il-possibbiltà li jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni konġunta u l-iskedar tal-ħidma miż-żewġ awtoritajiet;

(h) id-determinazzjoni ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu, b'mod konġunt jew b'mod individwali, minn kull awtorità;

(i) il-kondiviżjoni reċiproka tal-informazzjoni miġbura u tar-rappurtar dwar ir-riżultati tal-azzjonijiet individwali meħuda; kif ukoll

(j) kwistjonijiet speċifiċi oħra tal-każ.

4. Meta l-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba jiddeċiedu li jwettqu investigazzjoni konġunta jew spezzjoni konġunta fuq il-post, huma għandhom:

(a) jaqblu dwar il-proċeduri għat-twettiq u l-konklużjoni tagħha;

(b) jidħlu fi djalogu kontinwu biex jikkoordinaw il-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni u l-konstatazzjoni tal-fatti;

(c) jaħdmu mill-qrib u jikkooperaw ma' xulxin dwar it-twettiq tal-investigazzjoni konġunta jew tal-ispezzjoni konġunta fuq il-post;

(d) jipprovdu assistenza reċiproka dwar proċedimenti ta' eżekuzzjoni sussegwenti sa fejn ikun legalment permissibbli, inkluż bil-koordinazzjoni ta' kwalunkwe proċedimenti jew azzjoni ta' infurzar relatati mal-eżitu (kemm jekk amministrattivi, ċivili jew kriminali) tal-investigazzjoni konġunta jew tal-ispezzjoni konġunta fuq il-post jew, fejn xieraq, il-prospetti ta' soluzzjoni.

(e) jidentifikaw id-dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jirregolaw is-suġġett tal-investigazzjoni konġunta jew tal-ispezzjoni konġunta fuq il-post;

(f) meta rilevanti, jikkunsidraw mill-inqas dan li ġej:

(1) it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni konġunt li jispeċifika, fost affarijiet oħra, is-sustanza, in-natura u l-iskedar tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, u jinkludi stadji importanti u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fl-implimentazzjoni tal-eżitu tal-ħidma u filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet rispettivi ta' kull awtorità;

(2) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' kwalunkwe limitazzjoni jew restrizzjoni legali u kwalunkwe differenzi fil-proċeduri fir-rigward ta' azzjoni investigattiva jew ta' infurzar jew kwalunkwe proċediment ieħor, inklużi d-drittijiet ta' kwalunkwe persuna soġġetta għal investigazzjoni;

(3) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-privileġġi professjonali legali speċifiċi li jista' jkollhom impatt fuq il-proċedimenti ta' investigazzjoni kif ukoll il-proċedimenti ta' infurzar, inkluża l-awtoinkriminazzjoni;

(4) l-istrateġija mal-pubbliku u mal-istampa; kif ukoll

(5) l-użu intenzjonat tal-informazzjoni skambjata.

Artikolu 9

Proċeduri għal assistenza fl-irkupru ta' sanzjonijiet pekunjarji

1. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jikkonsultaw ma' xulxin meta talba għal assistenza fl-irkupru ta' sanzjonijiet pekunjarji skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar l-aħjar mod kif jista' jingħata effett utli għat-talba. L-awtoritajiet għandhom iqisu l-azzjonijiet diġà meħuda mill-awtorità rikjedenti fil-ġurisdizzjoni tagħha u l-qafas nazzjonali dwar l-irkupru ta' sanzjonijiet tal-awtorità li ssirilha t-talba.

2. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi l-għajnuna jew tagħmel disponibbli kwalunkwe informazzjoni mitluba għall-finijiet ta' dan l-Artikolu skont il-liġi nazzjonali rilevanti. Meta l-assistenza mitluba tista' tiġi pprovduta jew l-informazzjoni tista' tkun disponibbli għal awtorità oħra jew korp rilevanti tal-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha toffri li tipprovdi lill-awtorità rikjedenti bl-informazzjoni meħtieġa biex ikun stabbilit kuntatt dirett bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità jew korp ieħor li għandu l-informazzjoni mitluba, skont il-liġi nazzjonali.

Artikolu 10

Skambju ta' informazzjoni mhux mitluba

1. Għall-finijiet ta' trażmissjoni ta' informazzjoni mhux mitluba, skont l-Artikolu 16(4) u l-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, jew meta awtorità kompetenti jkollha informazzjoni li hija temmen li tista' tassisti awtorità kompetenti oħra fit-twettiq ta' dmirijietha skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014, hija għandha tittrażmetti din l-informazzjoni bil-miktub bil-posta, bil-faks jew b'mezz elettroniku sigur, lill-punt ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti maħtur skont l-Artikolu 2.

2. Meta l-awtorità kompetenti li tibgħat l-informazzjoni, taħseb li l-informazzjoni għandha tintbagħat b'urġenza, din tista' tinforma lill-awtorità l-oħra verbalment, dment li ssir trażmissjoni sussegwenti bil-miktub mingħajr dewmien żejjed.

3. Awtorità kompetenti li tibgħat informazzjoni li ma tkun intalbet għandha tagħmel dan permezz tal-formola li tidher fl-Anness IV, filwaqt li tidentifika b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

Artikolu 11

Restrizzjonijiet u l-użi permissibbli ta' informazzjoni

1. L-awtorità rikjedenti u l-awtorità li ssirilha t-talba għandhom jinkludu twissija ta' kunfidenzjalità xierqa fi kwalunkwe talba għal assistenza, tweġiba għal talba għal assistenza jew trażmissjoni ta' informazzjoni mhux mitluba skont il-formoli stabbiliti fl-Annessi.

2. Meta, sabiex tiġi eżegwita t-talba, l-awtorità li ssirilha t-talba hija rikjesta li tiddivulga l-fatt li l-awtorità rikjedenti tkun għamlet talba, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tiddivulga dan biss wara li tkun iddiskutiet in-natura u id-daqs tad-divulgazzjoni neċessarja mal-awtorità rikjedenti u wara li tkun kisbet il-kunsens tagħha għal tali divulgazzjoni. Meta l-awtorità rikjedenti ma tagħtix il-kunsens tagħha għad-divulgazzjoni, l-awtorità li ssirilha t-talba ma għandhiex taġixxi fuq it-talba, u l-awtorità rikjedenti tista' tirtira jew tissospendi t-talba tagħha sakemm tkun tista' tagħti tali kunsens għad-divulgazzjoni.

3. L-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 10 għandha tintuża biss għall-finijiet tal-iżgurar tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jew għall-infurzar tagħhom, inkluż, iżda mhux limitat għall-bidu, it-twettiq jew l-assistenza fi proċedimenti kriminali, amministrattivi, ċivili jew dixxiplinarji li jirriżultaw minn ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Formola għal talba għal assistenza

Talba għal assistenza

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Annessi: [*Speċifika n-numru ta' dokumenti/dokumenti ta' sostenn mehmuża*]

Informazzjoni ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità rikjedenti:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, jew tal-persuna maħtura bħala l-punt ta' kuntatt sabiex tittratta din it-talba u identifikata hawn taħt*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

Għażiż(a) [*Daħħal l-isem ix-xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, l-assistenza tiegħek qed tintalab fir-rigward tal-kwistjoni(jiet) spjegati f'iktar dettall hawn taħt.

Inkun grat jekk nirċievi tweġiba għat-talba għal assistenza msemmija hawn fuq sa [*daħħal data indikattiva ta' tweġiba u f'każ ta' talba urġenti daħħal data sa meta tkun tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni*] jew, jekk dan mhuwiex possibbli, indikazzjoni dwar meta taħseb li tkun f'pożizzjoni li tipprovdi l-assistenza mitluba.

Tip ta' talba għal assistenza

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa/i adattata/i

1. Għoti ta' informazzjoni ☐
2. Teħid ta' dikjarazzjoni ☐
3. Ftuħ ta' investigazzjoni ☐
4. Spezzjonijiet fuq il-post ☐
5. Dwar l-irkupru ta' sanzjonijiet ☐
6. Tip ieħor ta' assistenza ☐

(eż. l-iffriżar jew is-sekwestru tal-assi, awtorizzazzjoni għal użu ieħor jew l-iżvelar suċċessiv…)

Raġunijiet għat-talba għal assistenza

.....

.....

.....

[*Daħħal id-dispożizzjoni(jiet) tal-leġiżlazzjoni settorjali li taħtha l-awtorità rikjedenti hija kompetenti biex tittratta l-kwistjoni*]

It-talba tikkonċerna assistenza fi .....

.....

.....

.....

.....

.....

[*Daħħal deskrizzjoni tas-suġġett tat-talba, l-għan li għalih qed tintalab l-assistenza, il-fatti relatati mal-investigazzjoni bħala informazzjoni kuntestwali għat-talba u spjegazzjoni ta' għalfejn din hija ta' għajnuna biex twettaq id-doveri tagħha*]

Sussegwentament għal .....

.....

.....

.....

[*Jekk applikabbli, daħħal id-dettalji tat-talba preċedenti sabiex tkun tista' tiġi identifikata*]

1. **Għoti ta' informazzjoni**

(a) Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-informazzjoni speċifika mitluba bir-raġunijiet l-għala dik l-informazzjoni se tkun ta' assistenza u, jekk magħruf, lista tal-persuni meqjusa li għandhom l-informazzjoni mitluba jew tal-postijiet minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

.....

.....

.....

.....

(b) Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni dwar tranżazzjoni jew ordni f'xi strument finanzjarju speċifiku, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja.

ID tal-prodott: .....

[*Daħħal deskrizzjoni preċiża tal-istrument finanzjarju, inkluż il-kodiċi standard ta' identifikazzjoni applikabbli bħalma huma l-kodiċi ISIN jew AII*]

ID tal-persuna: .....

[*Daħħal l-identità ta' kwalunkwe persuna marbuta ma' din it-tranżazzjoni jew l-ordni, inkluża persuna li tinnegozja fl-istrument finanzjarju jew il-persuna li jitqies li n-negozjar ikun sar f'isimha, u kwalunkwe kodiċi ta' identifikazzjoni, bħall-kodiċi LEI jew il-kodiċi ID tal-klijent taħt ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012*]

Dati: .....

[*Daħħal id-dati li bejniethom ikunu saru tranżazzjonijiet jew ordnijiet f'dawk l-istrumenti finanzjarji inkluż, fil-każ ta' perjodu ta' żmien sinifikanti, ir-raġunijiet għalfejn huwa meħtieġ dan il-perjodu ta' żmien kollu*]

(c) Jekk it-talba tikkonċerna informazzjoni relatata man-negozju jew mal-attivitajiet ta' persuna, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni kemm jista' jkun preċiża sabiex dik il-persuna tkun tista' tiġi identifikata.

.....

.....

.....

.....

(d) Jekk ikun hemm konsiderazzjonijiet speċjali dwar is-sensittività tal-informazzjoni mitluba, jekk jogħġbok agħti indikazzjoni tas-sensittività tal-informazzjoni li tinsab fit-talba u ta' kwalunkwe prekawzjoni speċjali li trid tittieħed fil-ġbir tal-informazzjoni minħabba kunsiderazzjonijiet investigattivi.

.....

.....

.....

.....

(e) Jekk jogħġbok agħti kwalunkwe informazzjoni addizzjonali.

.....

.....

.....

.....

[*Jekk l-awtorità rikjedenti tkunx ġiet jew hix se tiġi f'kuntatt ma' kwalunkwe awtorità jew aġenzija tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba f'rabta mas-suġġett tat-talba jew kwalunkwe awtorità oħra li l-awtorità rikjedenti tkun taf li jkollha interess attiv fil-materja tas-suġġett tat-talba*]

(f) F'każ ta' talba urġenti u tal-iffissar ta' xi skadenza, jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni sħiħa dwar l-urġenza tat-talba u spjegazzjoni ta' kwalunkwe skadenza li l-awtorità rikjedenti tkun talbet għall-informazzjoni li trid tiġi provduta.

.....

.....

.....

.....

2. **Teħid ta' dikjarazzjoni**

Indika:

(a) In-natura tad-dikjarazzjoni mfittxija:

.....

.....

[*Daħħal indikazzjoni ta' preferenza, jekk hemm, dwar in-natura tad-dikjarazzjoni mitluba, eż. affermazzjoni jew struzzjonijiet legali oħra; fuq bażi volontarja jew imġiegħla, jekk applikabbli*]

(b) Ħtieġa u għan tat-teħid ta' dikjarazzjoni:

.....

.....

.....

(c) Isem tal-persuna/i mingħand min trid tittieħed id-dikjarazzjoni:

.....

.....

.....

[*Daħħal id-dettalji tal-persuni mingħand min se tittieħed id-dikjarazzjoni, inkluż, fejn rilevanti, il-pożizzjoni tal-persuna u l-kumpanija, biex tippermetti li l-awtorità li ssirilha t-talba tibda torganizza it-teħid tad-dikjarazzjoni, inkluż l-proċess tat-tħarrik fejn applikabbli*]

(d) Deskrizzjoni ddettaljata tal-informazzjoni mitluba, inkluż lista preliminari ta' mistoqsijiet (jekk disponibbli fiż-żmien tat-talba).

.....

.....

.....

.....

(e) Kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tkun utli:

.....

.....

.....

.....

[*jekk il-persunal tal-awtorità rikjedenti huwiex jitlob li jipparteċipa fit-teħid tad-dikjarazzjoni, id-dettalji tal-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti li se jipparteċipaw, fejn ikun xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit legali u proċedurali li jrid jiġi rispettat sabiex tkun żgurata l-ammissibbiltà tad-dikjarazzjonijiet li jsiru waqt l-intervista fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità rikjedenti*]

3. **Il-ftuħ ta' investigazzjoni jew investigazzjoni konġunta**

Jekk it-talba tikkonċerna l-ftuħ ta' investigazzjoni f'isem l-awtorità rikjedenti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tivvaluta jekk jistax ikollha interess li tidħol f'investigazzjoni konġunta, inkluż il-proposta tal-awtorità rikjedenti għall-investigazzjoni, ir-raġunament tagħha u l-benefiċċji perċepiti għall-awtorità li ssirilha t-talba.

.....

.....

.....

.....

[*Inkluż kull informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-awtorità li ssirilha t-talba sabiex tkun tista' tipprovdi l-assistenza meħtieġa billi tiftaħ investigazzjoni jew investigazzjoni konġunta, kif xieraq*]

4. **Il-ftuħ ta' spezzjoni fuq il-post jew spezzjoni konġunta**

Jekk it-talba tikkonċerna l-ftuħ ta' spezzjoni fuq il-post f'isem l-awtorità rikjedenti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni biex l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tista' tivvaluta jekk jistax ikollha interess tidħol f'ispezzjoni konġunta fuq il-post, inkluż il-proposta tal-awtorità rikjedenti għal spezzjoni, ir-raġunament tagħha u l-benefiċċji perċepiti għall-awtorità li ssirilha t-talba.

.....

.....

.....

.....

.....

[*Inkluż kull informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-awtorità li ssirilha t-talba sabiex tkun tista' tipprovdi l-assistenza meħtieġa billi tiftaħ spezzjoni fuq il-post jew spezzjoni konġunta, kif xieraq*]

.....

.....

.....

L-Informazzjoni inkluża f'din it-talba għandha tinżamm kunfidenzjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kwalunkwe dejta persunali inkluża f'din it-talba.

Il-persuna ta' kuntatt tiegħek għal kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok fir-rigward ta' kwalunkwe aspett ta' din it-talba hija [*Daħħal l-isem u d-dettalji ta' kuntatt rilevanti: telefon, posta elettronika*]

Dejjem tiegħek,

[*Isem u firma*]

ANNESS II

Formola għall-konferma tar-riċevuta ta' talba għal assistenza

Konferma ta' riċevuta ta' talba għal assistenza

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, jew tal-persuna maħtura bħala l-punt ta' kuntatt sabiex tittratta din it-talba u identifikata hawn taħt*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità rikjedenti:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-awtorità rikjedenti*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

Għażiż(a) [*Daħħal l-isem ix-xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, nixtiequ ngħarrfuk li rċevejna t-talba tiegħek għal assistenza b'referenza [*Daħħal in-numru ta' referenza*] fi [*Daħħal id-data*].

Il-persuna/i rilevanti fi [*Daħħal l-isem tal-awtorità li ssirilha t-talba*] li qiegħda tittratta t-talba tiegħek hija [*Daħħal l-isem, in-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku*].

Data mistennija tar-risposta: .....

Dejjem tiegħek,

[*Isem u firma*]

ANNESS III

Formula għat-tweġiba għal talba għal assistenza

Tweġiba għal talba għal assistenza

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Annessi: [*Speċifika n-numru ta' dokumenti/dokumenti ta' sostenn mehmuża*]

Informazzjoni ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

Awtorità li ssirilha t-talba:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, jew tal-persuna maħtura bħala l-punt ta' kuntatt sabiex tittratta din it-talba u identifikata hawn taħt*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtorità rikjedenti:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-awtorità rikjedenti*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

Għażiż(a) [*Daħħal l-isem ix-xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, aħna pproċessajna t-talba tiegħek bid-data [*jj.xx.ssss*] bir-referenza [*Daħħal in-numru ta' referenza*].

Informazzjoni miġbura

.....

.....

.....

.....

.....

[*Jekk l-informazzjoni nġabret, jekk jogħġbok niżżel l-informazzjoni hawnhekk jew spjega kif se tingħata*]

L-informazzjoni pprovduta hija kunfidenzjali u qed tiġi żvelata lil [*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] skont [*Daħħal id-dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli*] u fuq il-bażi li l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

[*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 f'dak li għandu x'jaqsam mal-użi permessi ta' dik l-informazzjoni, u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-dejta personali.

Jekk [*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal għan differenti minn dak iddikjarat fit-talba iżda li jaqà' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, [*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha tinnotifika lil [*Daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] li għandha għaxart ijiem tax-xogħol biex toġġezzjona għal dan l-użu jew żvelar għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

Jekk [*Daħħal isem l-awtorità rikjedenti*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal xi għan differenti lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, hija għandha tinnotifika lil [*Daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] u, sakemm ma tapplikax l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, hija għandha tikseb il-kunsens minn qabel ta' [*Daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*]. Jekk [*Daħħal isem l-awtorità li ssirilha t-talba*] tagħti l-kunsens tagħha għal tali użu jew żvelar tal-informazzjoni, hija tista' tagħmel dan soġġet għal ċerti kondizzjonijiet.

Dejjem tiegħek,

[*Isem u firma*]

ANNESS IV

Formola għall-għoti ta' għajnuna mhux mitluba

Għajnuna mhux mitluba

Numru ta' referenza: .....

Data: .....

Annessi: [*Speċifika n-numru ta' dokumenti/dokumenti ta' sostenn mehmuża*]

Informazzjoni ġenerali

MINGĦAND:

Stat Membru:

L-awtorità trażmittenti:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

LIL:

Stat Membru:

Awtoritajiet li ssirilha t-talba:

Indirizz ġuridiku:

[*Daħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292*]

Isem:

Telefon:

Posta elettronika:

Għażiż(a) [*Daħħal l-isem ix-xieraq*]

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, aħna qed nipprovdu l-informazzjoni li ġejja, li nemmnu li tista' tkun ta' għajnuna fit-twettiq ta' dmirijietek.

Informazzjoni pprovduta

.....

.....

.....

.....

.....

[*Jekk jogħġbok daħħal id-dettalji tal-informazzjoni hawnhekk, inklużi, jekk ikun rilevanti, deskrizzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' prova jew materjal*]

L-informazzjoni pprovduta hija kunfidenzjali u qed tiġi żvelata lil [*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba*] skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u fuq il-bażi li dik l-informazzjoni għandha tibqa' kunfidenzjali skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014.

[*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba*] għandha tosserva r-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292 f'dak li għandu x'jaqsam mal-użi permessi ta' dik l-informazzjoni, u tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment tad-dejta personali.

Jekk [*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tirċievi l-informazzjoni mhux mitluba*] għandha l-intenzjoni li tuża jew tiżvela informazzjoni pprovduta f'din it-tweġiba għal għanijiet differenti minn dawk iddikjarati fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/292, hija għandha tinnotifika lil [*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba*] u, sakemm ma tapplikax l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, għandha tikseb il-kunsens minn qabel ta' [*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba*]. Jekk [*Daħħal isem l-awtorità kompetenti li qed tipprovdi l-informazzjoni mhux mitluba*] tagħti l-kunsens tagħha għal dan l-użu jew l-iżvelar tal-informazzjoni, din tista' tkun soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet.

Dejjem tiegħek,

[*Isem u firma*]